# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 22

Il-Ħamis 18 ta' Frar 2021

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | - Sindku |
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

**18 ta' Frar 2021**

Is-Sindku Dr. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 22.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**22.1.01** n/a

## 22.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-21.

**22.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 21 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**22.3.01** Emajl mingħand Conrad Borg Manche', Executive Chairman Ambjent Malta dwar proġetti ambjentali ippjanati biex ikunu jistgħu jassistuna għat-twettieq tagħhom. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sur Borg Manche' bil-pjan tal-Kunsill biex jiżviluppa area ta' rikreazzjoni.

**22.3.02** Rapport mingħand il-contract manager għall-ġimgħat 1-4 ta' Jannar 2021.. Ir-rapport jindika l-istat ħażin tat-Triq il-Wilġa u l-entratura tal-Għasri. Dawn ġew diskussi waqt il-laqgħa li l-Kunsill żamm mal-Ministru għal Għawdex.

**22.3.03** Risposta dwar mistoqsija parlamentari li għamel l-Onor. Kevin Cutajar dwar it-triq li twassal għall-bajja tal-Għasri. Jidher li t-triq hija art pubblika.

**22.3.04** Talba għall-fondi ta' aġġustament għas-sena 2021 mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u risposta mingħand il-Kunsill. Il-Kunsill wieġeb li dawk il-fondi ser jintużaw għat-toroq.

**22.3.05** Approvazzjoni mingħand id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Gvern Lokali tal-Appraisal Report u Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv

**22.3.06** Organic Agreement għas-sena 2021 bejn il-Kunsill Lokali tal-Għasri u Wasteserv Malta għas-sena 2021. Dan biex il-Kunsill jiġi rimborsat għall l-ispejjeż tal-ġbir ta' din il-borża li tinġabar tlett darbiet fil-ġimgħa. Il-kuntratt ġie iffirmat mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv

**22.3.07** Ċirkulari 01/2021 – Għeluq tas-sena 2020. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li l-audit għas-sena 2020 diġa beda.

**22.3.08** Ċirkulari Numru SPI/SCI/2/2021 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill

għad qed jistenna l-permess mingħand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex jagħmel area ta' rikreazzjoni fl-Għasri.

**22.3.09** Ċirkulari Numru SPI/SCI/3/2021 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021. Is-Sindku ssuġġerixxa attivita differenti għal dan iż-żmien tal-pandemija. Din għandha tiġi diskussa mal-kumitat tal-festi esterni. Jekk jaqblu dwar din l-attivita l-Kunsill għandu japplika għall-fondi.

**22.3.10** Emajl mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Water Saving Kit Distribution. Fl-Għasri dan ser issir mit-12 sat 18 ta' April. Il-Kunsilliera qablu li żmien ta' ġimgħa huwa bizzejjed għal dan il-lokalita.

**22.3.11** Emajl mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar espressjoni ta' interess "tree planting initiative". Il-Plant Protection Directorate lest li jagħti siġar tal-palm (Phoenix Canariensis) biex ikun hemm aktar palm għaż-żmien tal-lampuki. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva iżda ma setgħax jidentifika sit għat-tħawwil ta' siġar tal-Palm.

**22.3.12** Emajl mingħand id-Direttur tal-MIEMA (Malta Intelligent Energy Management Agency) dwar proġett bl-isem ta' "Greenchange" taħt il-programm Ewropew LIFE flimkien ma' sħab mill-Italja. Il-MIEMA qed titlob lill-Kunsilli biex jiffirmaw Patt għall-Agrobiodiversita' għal Għawdex fi ħdan il-proġett "Greenchange". Il-Kunsilliera qablu li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun ta' Għawdex.

**22.3.13** Applikazzjoni mill-Ministeru għal Għawdex dwar Attivitajiet Kulturali. Din l-applikazzjoni wkoll għandha timtela bl-attivita proposta mis-Sindku wara li tiġi diskussa mal-kumitat tal-festi esterni.

**22.3.14** Emajl mingħand l-Ambaxxatriċi Dr. Theresa Cutajar dwar il-possibilta' ta' proġett tal-Erasmus jew Erasmus Plus li jinvolvi liż-żagħżagħ tal-Għasri. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jiġi avżat meta jkun hemm opportunita' għal proġett.

**22.3.15** Saret laqgħa mal-Ministru għal Għawdex nhar it-Tlieta 16 ta' Frar. F'din il-laqgħa ġew diskussi diversi suġġetti fosthom:

a) Xogħol fi Triq Wied Sara. Il-Kunsill wera l-ħsieb tiegħu dwar il-baġit ta' dan il-proġett. Il-Ministru nforma lill-Kunsill li hu lest li jħallas d-differenza bejn il-fondi li diġa ngħataw lill-Kunsill u d-differenza li hemm fit-tender jekk dawn jaqbżu l-fondi mill-Ministeru. Għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur u periti fil-jiem li ġejjin dwar dan ix-xogħol. Il-Ministru nforma lill-Kunsill li ser jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ f'din it-triq mill-Ministeru għal Għawdex b'fondi minn tal Unjoni Ewropea. Dan ix-xogħol għandu jibda kif il-ħaddiema jeħilsu mit-Triq ta' Daħlet Qorrot fin-Nadur.

b) Bini ta' ħitan tas-sejjieħ. Is-Sindku talab biex il-ħitan tas-sejjieħ fi Triq it-Tamar u Triq il-Gonna jinbnew mill-Ministeru għal Għawdex.

Għandu jiġi persuna nkarigata mill-Ministeru biex jara x-xogħol li hemm meħtieġ.

c) Gandott tal-ilma tax-xita fi Triq ta' Għammar. Inġibed l-attenzjoni lill-Ministru dwar il-problema tal-ilma tax-xita fi Triq ta' Ghammar u l-bżonn ta' gandott. F'dan il-ħin ġie diskuss il-possibilitajiet dwar fejn jista jmur dan l-ilma.

d) Ħsarat fi Triq il-Wilġa. Peress li bħalissa minħabba l-għeluq tat-Triq ta' Wara s-Sur u Triq l-Imgħallem it-traffiku għaż-Żebbuġ qed jgħaddi minn Triq il-Wilġa, din qed iġġarrab ħafna ħsarat. Diġa sar xi tranġar f'din it-triq iżda qed jinħolqu aktar problemi. Il-Ministru qal li bħalissa ma tistax tingħalaq din it-triq biex titranġa u għalhekk ħa jsir tranġar temporanju. Wara li jitlestu t-toroq l-oħra għandha ssir mill-ġdid Triq il-Wilġa.

e) Tranġar, twessiegħ u *green walls* fi Triq l-Għasri. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ħitan tas-sejjieħ ser jitranġaw u jinbnew mill-ġdid f'din it-triq. Il-Viċi Sindku staqsa jekk hux possibbli li jsiru *Green Walls* f'din it-triq. Il-Ministru qal li dawn jirrikjedu ħafna manutenzjoni u tidħol f'ħafna spejjeż. Ġie diskuss ukoll it-twessiegħ tal-kantuniera ma Triq l-Għarb peress li fil-preżent hija perikuluża għax ma tkunx tista tara minn ġej minn naħa tal-Għarb. Il-Ministru qal li jkun hemm bżonn esproprijazzjoni tal-art, iżda lest li jagħmel hekk jekk hemm bżonn.

f) Xogħol fil-Fanal ta' Ġordan. Inġibed l-attenzjoni dwar ix-xogħol wieqaf fit-Triq il-Lanterna kif ukoll fil-Fanal ta' Ġordan. Il-Ministru nforma lill-Kunsill li x-xogħol jinsab wieqaf għaliex qed jistennew permessi mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar. Is-Sindku staqsa jekk hux possibbli li jkun hemm grupp ta' nies mill-Għasri involuti fl-immaniġjar tal-Fanal ta' Gordan. Din l-idea għandha tiġi diskussa f'aktar dettall u għalhekk għandha ssir laqgħa.

## 22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**22.4.01** Il-Kunsillier Sammy Saliba talab li jsir speed hump fit-tarf ta' Triq Salvu Gambin (viċin il-kantuniera ta' Triq il-Knisja). Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn ta' tabella "Stop" f'din il-kantuniera.

**22.4.02** Il-Viċi Sindku talab li jkun membru tal-kumitat li ser isir dwar il-maniġjar tal-Fanal ta' Ġordan. Il-Kunsilliera qablu.

## 22.5 Laqgħa mal-Pulizija dwar l-Istat tal-Għassa tal-Pulizija u l-Berġa fl-Għasri.

**22.5.01** Se issir laqgħa mal-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Martin Sammut u mas-Supretendent tal-Pulizija ta' Għawdex Joseph Hersey dwar l-Għassa tal-Pulizija fl-Għasri. Din tinsab fi stat ħażin u hija ikkundannata u għalhekk ir-raħal tal-Għasri

spiċċa mingħajr għassa kif ukoll mingħajr berġa. Il-laqgħa se issir għada l-Ġimgħa 19 ta' Frar. Il-Kunsilliera huma mistiedna biex jattendu.

## 22.6 Applikazzjonijiet tal-Awtorita' tal-Ippjanar fl-Għasri.

**22.6.01** Is-Segretarja ppreżentat diversi applikazzjonijiet ġodda tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar f'areas mmarkati ODZ (Outside Development Zone). Il-Kunsilliera qablu unanimament li joġġezzjonaw għall-Applikazzjon bin-numru 00761/21 - Site at, Triq Dun Karm Caruana, Ghasri; *To construct poultry farm, rubble walls, store and reservoir*. Għal dan il-għan għandu jiġi nkarigat avukat.

**22.6.02** Is-Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel protest ġudizzjarju lill-Awtorita ta' l-Ippjanar għaliex dawn mhux jinformaw lill-Kunsill dwar applikazzjonijiet li huma ta' importanza għar-raħal tal-Għasri iżda l-Kunsill irid joqgħod ifittex fost l-applikazzjonijiet kollha biex jara x'qed jiġi propost fir-raħal. Il-Kunsill m'għandux ir-riżorsi umani biex jagħmel dan ix-xogħol. Fil-passat l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet tinforma lill-Kunsilli dwar applikazzjonijiet li huma ta' ċertu kobor fil-lokal. Il-Kunsilliera kollha qablu li dan il-protest ġudizzjarju għandu jsir.

## 22.7 Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart -Ottubru-Diċembru 2020;

**22.7.01** Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

## 22. 8 Approvazzjoni tal-Abbozz tal-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2020.

**21.8.01** Il-Kunsill ġie ppreżentat ir-Rendikont Finanzjarju għas-sena 2020 mingħand l-accountant tal-Kunsill. Dawn kienu tqassmu permezz tal-emajl lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa. Il-Kunsilliera approvaw unanimament dan ir-rapport.

## 22.9 Proġett ta' area ta' rikreazzjoni fl-Għasri.

**22.9.01** Il-Kunsill għad m'għandux numru ta' l-applikazzjoni għal dan il-proġett. Għandu biss numru ta' *"Tracking"*. Għalkemm hemm diversi skemi ta' fondi għal dawn it-tip ta' proġetti fil-preżent, il-Kunsill ma jistax japplika qabel ma jkollu il-permess f'idejh.

## 22.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;

**22.10.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-22 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 22.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**22.11.01** Il-laqgħa ntemmet fid-8:45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta'Marzu fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, il-Ħamis 18 ta' Marzu 2020.

**FFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**FFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv